# Bażilika ProtoParrokkjali San Ġorġ Martri

L-Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria VCT 1200 | t: 2155 6377 | e: info@stgeorge.org.mt | L-Arċipriet • m: 7920 4434 | e: archprieststgeorge@gmail.com
w: www.stgeorge.org.mt | fb: www.facebook.com/stgeorge.org.mt | live streaming: www.youtube.com/StGeorgesBasilica | RADJU *Leħen il-Belt Victoria* [104.00 FM Stereo] | t: 2156 5207


## Il-frott tal-Għid

San Ġorġ hu frott tal-Misteru tal-Għid. Hu ħa bis-serjetà l-kliem ta' Kristu tant li segwieh fil-martirju lejn il-glorja. Hu għalhekk li niċċelebrawh b'tant ħeġġa u fidi. Inħeġġiġkom mill-qalb biex flimkien nuru l-imħabba tagħna lejn San Ġorġ fil-Velja nhar il-Ħadd fil-Pjazza u mbagħad għall-Pontifikal. Tfal, żgħażagħ, adulti, familji, anzjani... kollha għandna ninġabru u nagħżlu t-talb fil-Velja Solenni tal-Martirju. Biex inkunu Ġorġjani rridu nħossu mhux biss il-ferħ tal-Glorja iżda wkoll il-qawwa tal-fidi fil-martirji ta' żmienna.

IL-KELMA TAL-ARĊIPRIET



## FESTA LITURĠIKA TA' SAN ĠORĠ 2019

### Mill-Ħamis 25 sas-Sibt 27 ta' April

**6.00pm:** Quddiesa Solenni tat-Tridu minn Mons. Ġużeppi Gauci. Wara, kant tal-Innu, Kurunella u Litanija, u Barka Ewkaristika.

### Il-Ħadd 28 ta' April: Lejlet is-Solennità

**10.00am:** Marċ mill-Banda Ċittadina La Stella li jitlaq mill-Pjazza lejn il-Każin.
**4.30pm:** Kant tal-Ewwel Għasar.
**7.40pm:** Ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika, u Velja Solenni tal-Martirju ta' San Ġorġ immexxija mill-Isqof Djoċesan fi Pjazza San Ġorġ.

### It-Tnejn 29 ta' April: Jum is-Solennità

**6.25pm:** Kant tat-Tieni Għasar.
**7.00pm:** Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata.




### LECTIO DIVINA

**Mill-Ħamis 2 ta' Mejju ħa nerġgħu nibdew il-Lectio Divina fuq il-Vanġelu ta' San Mark. Il-grupp immexxi minn Patri Peter Paul Cachia OSA jiltaqa' fit-23four Hub kull nhar ta' Ħamis fis-7.30pm. Kemm hu importanti li nsiru dejjem iktar midħla tal-Kelma ta' Alla. Kulħadd jista' jattendi!**

| KRONAKA | | |
|---|---|---|
| | **18-04-2019** | Nitolbu għal ruħ KARISTU GALEA li miet fl-età ta' 79 sena. |
| | **24-04-2019** | Nitolbu għal ruħ MARIA GRECH li mietet fl-età ta' 85 sena. |



### IL-ĦADD TAL-ĦNIENA DIVINA

F'dan il-Ħadd niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Kemm hu sabiħ nagħrfu li aħna kollha bżonn il-ħniena ta' Alla u hekk inħennu għall-proxxmu tagħna!

### SAN ĠUŻEPP HADDIEM

Nhar l-Erbgħa 1 ta' Mejju fil-Parroċċa tagħna niċċelebraw lil San Ġużepp Haddiem. Nistednukom tiġu għal din il-festa li fiha nitolbu għall-familji u għall-ħaddiema kollha. Il-Konċelebrazzjoni tkun fis-6.00pm.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES**

| Data | Intenzjoni |
|---|---|
| 28-04-2019 | Joe u l-Familja Galea |
| 29-04-2019 | Virginia, Koli u Grace Grech |
| 30-04-2019 | Carmena u Francesco Gauci |
| 01-05-2019 | Joe, Leli, Maria u Ġużeppa Attard |
| 02-05-2019 | Tereża Grech |
| 03-05-2019 | Carmena u Koli Apap |
| 04-05-2019 | George Caruana |

AGĦTIHOM, O MULEJ, IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM